**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija llum, it-Tlieta, sbatax (17) ta' Ġunju 2025

Kawża Nru 591/2024

**Il-Pulizija**

***(Spettur Keith Xerri)***

**Vs**

**Mario Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Mario Attard**, iben Anthony u Mary nee' Camilleri, imwieled fit-tnejn (2) ta' Diċembru 1984, residenti ġewwa 67, 'Il-Gamiema', Flat 1, Triq il-Mitħna, Żebbuġ, detentur tal-karta tal-identita' numru 6685(M) talli nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Mejju 2024 għall-ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs), f'dawn il-Gżejjer:

(1) b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq Ahmad Khromachou.[1]

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawża kienet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Mejju 2024 għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar (14:30hrs), il-Kamra tal-Kontroll tal-Pulizija rċeviet telefonata mingħand Ahmad Khromachou, li rrapporta li ntlaqat minn skrun ta' dgħajsa waqt li kien qed jgħum fl-għerien tal-bajja ta' Santa Maria, ġewwa Kemmuna. Il-vittma ndika li d-dgħajsa bl-isem 'Jean De Lourde' ma waqfitx wara l-inċident u kompliet fi triqtha.

Wara l-inċident, il-parte civile rnexxilu jitla' fuq dgħajsa u mal-wasla tiegħu ġewwa Little Armier, hu ttieħed ġewwa l-Isptar Mater Dei permezz ta'

[1] Artikolu 229(1)(ċ) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

ambulanza u ġie ċċertifikat minn Dr. Matteo Azzopardi M.D. 8044 li soffra ġrieħi ħfief.

Il-Pulizija bagħtet għal Kim Degabriele, sid id-dgħajsa 'Jean De Lourde', kif ukoll għall-kaptan li kien qed isuq id-dgħajsa fil-ħin tal-inċident. Il-kaptan Mario Attard għażel li jagħti l-verżjoni tiegħu wara li ngħata d-drittijiet legali tiegħu.

L-akkużat stqarr li waqt li kien dieħel fil-bajja ta' Santa Maria ra dgħajsa wieqfa, pero' ma kien hemm l-ebda sinjal li jindika l-preżenza ta' għaddasa fil-viċinanzi. Huwa sostna wkoll li l-kaptan ta' dik id-dgħajsa ma ta l-ebda indikazzjoni li kien hemm persuni fl-ilma. L-akkużat iddikjara li hekk kif kien dieħel fl-għar u d-dgħajsa kienet qed tiġi pilotata fuq newtrali, deher bugħaddas fuq in-naħa tal-lemin tad-dgħajsa li beda jgħajjat li kien sejjer jintlaqat. L-imputat stqarr li waqqaf id-dgħajsa immedjatament u baqa' fuq il-post. L-akkużat temm li hu ra lill-għaddas jgħum lejn id-dgħajsa li kien fuqha fejn seta' jara li ma kienx weġġa'.

Eventwalment, l-akkużat tressaq il-Qorti sabiex iwieġeb għall-akkuża odjerna.

Ikkunsidrat;

Qabel xejn il-Qorti temmen li għandha tindirizza punt partikolari, li għalkemm ma tqajjimx mid-difiża, xorta tqis li għandha tidħol fih. Dan jikkonċerna l-validita tad-dokument tar-rifjut għall-assistenza legali da parti tal-akkużat. Il-Qorti qed tissolleva dan il-punt *ex officio* in vista li dan

jikkonċerna direttament id-drittijiet tal-akkużat (f'dak il-punt kien għadu suspettat) fl-istadju tal-investigazzjoni.

L-artikolu 355AUA(6) tal-Kap 9 jistabilixxi:

> *"Meta l-persuna miżmuma tagħżel li ma tfittixx assistenza legali l-Pulizija Eżekuttiva, l-uffiċjal li jkun qiegħed jinvestiga jew kull awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja għandhom jirrekordjaw dan il-fatt bil-miktub fil-preżenza ta' żewġ xhieda u malli jsir dan tibda l-interrogazzjoni minnufih. M'għandux ikun ammissibbli li l-prosekuzzjoni tikkummenta waqt il-proċeduri quddiem il-qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni kriminali fuq il-fatt li l-persuna suspettata jew akkużata ma għażlitx li tagħmel użu mill-assistenza legali waqt li kienet qedtinżamm taħt arrest."*

Dan is-sub-inċiż flimkien ma' artikoli oħra tal-liġi ġew introdotti fil-Kodiċi Kriminali tagħna permezz tal-Att LI tal-2016 sabiex il-leġislatur jdaħħal fis-seħħ fil-*corpus juris* tagħna d-Direttiva *2016/1919/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar ghajnuna legali ghal persuni ssuspettati u akkuzati fi procedimenti kriminali u ghal persuni rikjesti fi procedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew.*

M'hemmx dubju li din id-direttiva ġiet promulgata biex jiġu garantiti ċerti drittijiet bażiċi lis-suspettati f'investigazzjonijiet ta' natura kriminali. Huwa u jikkummenta fuq din id-direttiva l-awtur Steven Cras jgħid li:

*"If suspects or accused persons are deprived of liberty, e.g., when they have been arrested and brought to the police station, the level of obligations resting on the Member States must make the necessary arrangements to ensure that suspects or accused persons are in a position to effectively exercise their right of access to a lawyer, including by arranging for the assistance of a lawyer when the person concerned does not have one, unless they have waived that right."*[2]

L-import tal-artikolu 355AUA(6) ġie spjegat fid-dettal fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Ahmed Ali Bin Amir***.[3] Issir riferenza b'mod speċifiku għall-paragrafi 32, 33 u 34 tal-istess sentenza fejn il-Qorti ikkummentat hekk fuq dan l-artikolu:

*"Għalhekk, fejn si tratta ta' rinunzja għad-drittijiet għall-assistenza legali hekk kif sanċiti fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 355AUA(1) tal-Kodiċi Kriminali, is-subinċiż (6) tal-imsemmija dispożizzjoni jagħmilha ċara li din ir-rinunzja għandha tiġi mniżżla bil-miktub,* ***fil-preżenza ta' żewġ xhieda oħra u għandha tkun iffirmata minn kull xhud daqskemm ukoll mis-suspettat li jkun iddikjara r-rifjut tiegħu mal-awtoritajiet****. Is-suspettat għandu wkoll ikun infurmat li f'kull ħin, huwa jkun jista' jirtira dak ir-rifjut*

[2] Cras S., The Directive *on the right of access to a lawyer in criminal proceedings and in European arrest warrant proceedings. Eucrim pg 36 Issue 1/2014.*
[3] Deċiża fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju 2023. Appell Numru 52/2021.

*tiegħu. F'dan ir-rigward, fl-Artikolu 9 id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà, igħid hekk:*

*Mingħajr preġudizzju għal-ligi nazzjonali li teħtieg il-preżenza jew l-assistenza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward ta' kwalunkwe rinunzja ta' dritt imsemmi fl-Artikoli 3 u 10:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkużata tkun ingħatat, bil-miktub jew bil-fomm, informazzjoni ċara u suffiċjenti b'lingwagg semplici u li jinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt koncernat u l-konsegwenzi possibbli tar-rinunzja għalih;*

*(b) ir-rinunzja tingħata volontarjament u b'mod inekwivoku.*

*2. Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew bil-fomm, għandha tigi irregistrata, kif ukoll ic-cirkostanzi li fihom tkun ingħatat ir-rinunzja,* ***bl-uzu tal-procedura ta' registrar***

***<u>f'konformita mal-ligi tal-Istat Membru koncernat.</u>*** (Enfażi ta' din il-Qorti)

*3. L-Istati Membri għandhom jizguraw li l-persuni suspettati jew akkuzati jistgħu jirrevokaw ir-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju matul il-procedimenti kriminali u li huma jigu infurmati b'dik il-possibbilta. Tali revoka għandu jkollha effett mill-mument li ssir.*

*33. Dan l-Artikolu tal-imsemmija direttiva huwa rifless fl-Artikolu 355AUG tal-Kodiċi Kriminali, li jitratta r-rifjut ta' dawk id-drittijiet saniċiti fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 355AUA u 355AUH:*

*(1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu li jeħtieġ il-preżenza mandatorja jew assistenza ta' avukat, fir-rigward ta' kwalunkwe rinunzja ta' dritt imsemmi fl-artikoli 355AUA u 355AUH:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkużata għandha tingħata, verbalment jew bil-miktub, informazzjoni ċara u suffiċjenti b'lingwa sempliċi u li tinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt ikkonċernat u l-konsegwenzi possibbli f'każ li ssir rinunzja għalih;*

*(b) ir-rinunzja għandha tingħata volontarjament u b'mod inekwivoku.*

*(2) Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew verbalment, għandha tkun reġistrata kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom tkun saret ir-rinunzja, bl-użu ta' kwalunkwe proċedura ta' rekordjar permessa bil-liġi.*

*(3) Il-persuna suspettata jew akkużata tista' tirrevoka r-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju waqt il-proċeduri kriminali, u għandha tkun infurmata dwar din il-possibilità. Dik ir-revoka għandu jkollha effett biss mill-mument li tkun saret.*

*34. Ġjaladarba jkunu ġew* ***__strettament__*** *segwiti dawn il-formalitajiet kif rikjesti mil-Liġi, il-Pulizija Eżekuttiva tkun imbagħad tista' tgħaddi għat-teħid tal-istqarrija lis-suspettat tar-reat investigat. Id-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-jedd għall-assistenza legali* ***__magħmula skont il-Liġi__*** *għandha titqies bħala valida u ma tistax sussegwentement tiġi attakkata bħala li mhix waħda li tassew tirrappreżenta l-intenzjoni tas-suspettat u dan fin-nuqqas ta' prova sal-livell tal-probabbli li tali dikjarazzjoni kienet ivvizjata minħabba f'li s-suspettat ma fehemx dak li kien qiegħed jirrinunzja għalih. Dan jista' jagħti l-każ li jseħħ meta l-persuna interrogata ma tkunx fi stat mentali u fiżiku tajjeb jew per eżempju ma tkunx qiegħda tifhem il-qagħda li tkun*

> *fiha. Biss, il-firma tas-suspettat bħala li jkun qiegħed jirrifjuta l-assistenza legali lilu offerta tirrappreżenta prova ċara li huwa jkun qiegħed jagħti l-kunsens lill-Pulizija sabiex jipproċedu għall-interrogazzjoni tiegħu. Imbagħad f'każ ta' kontestazzjoni, jkun jinkombi fuq is-suspettat li sussegwentement jipprova b'mod konkret u bil-provi – aktar milli b'ipoteżijiet jew konġetturi - li tassew dak il-kunsens tiegħu, u allura wkoll l-istqarrija li ssegwi, kien ivvizjat."*

Fid-dawl ta' dak rilevat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza suriferita kif wkoll minn qari akkurat tal-istess artikolu il-Qorti tagħmilha ċara li sabiex dikjarazzjoni ta' rifjut tkun **<u>strettament valida u pienament in linea mal-liġi</u>**, irid ikun hemm tlett (3) persuni involuti apparti l-istess suspettat: (a) il-persuna li tkun qed tinvestiga li fuqha l-leġislatur jpoġġi l-obbligu li tirrekordja r-rifjut bil-miktub; u (b) ż-żewġ xhieda li m'għandhom l-ebda obbligu li jirrekordjaw xejn iżda li sempliċiment jridu jkunu qegħdin preżenti sabiex jikkonfermaw li tali drittijiet effettivament ingħataw u li ġew rinunzjati. Din hija l-modalita li stabilixxa l-leġislatur u li trid tiġi segwita sabiex jkun jista' jitqies li r-rifjut jkun wieħed validu. Infatti fl-istess sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Amir li għaliha saret riferenza aktar 'l fuq l-istess Qorti tuża l-kelma *"oħra"* meta tikkwalifika lix-xhieda. Infatti l-Qorti użat il-kliem *"fil-presenza ta' żewġ xhieda oħra."* Dan ifisser għalhekk li dawn iż-żewġ persuni qegħdin jiġu kunsidrati li huma estraneji għall-persuna jew uffiċjal investigattiv li qed jagħti t-twissijiet stabbiliti mil-liġi. Hemm għalhekk distinzjoni ċara u netta bejn l-uffiċjal li qed jagħti t-twissijiet u l-istess xhieda. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti ma tqisx li l-uffiċjal li qed jagħti d-drittijiet jista' jkun hu wkoll wieħed mix-xhieda. Apparti

l-uffiċjal li qed jagħti u jirrekordja t-twissijiet u d-drittijiet legali li qegħdin jingħataw, irid ikun hemm wkoll b'mod mandatorju żewġ xhieda. Jekk ma jkunx hemm dawn iż-żewġ xhieda, allura ma jistax jitqies li l-proċedura tar-rifjut ġiet segwita skont kif tistabilixxi l-liġi. Il-Qorti tqis li tali proċedura trid tiġi segwita *ad unguem* anke fid-dawl tal-fatt li kif intqal fis-sentenza tal-Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet ***Romario Barbara vs Avukat Ġenerali u b'digriet tal-5 ta' Awissu 2021 isem l-Avukat Ġenerali ġie sostitwit għall-Avukat tal-Istat***:[4]

> *"meta l-akkużat ikun fil-kustodja tal-Pulizija, bħal meta taħt arrest jew interrogat, l-obbligu tal-Istat huwa ogħla minn meta jkunu bdew il-proċeduri formali. Għalhekk, f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Istat għandu bl-ogħla diliġenza jassigura li drittijiet fundamentali tal-bniedem ikunu imħarsa. Presubilment, id-distinzjoni bejn l-istadju ta' meta jkunu għadhom ma nbdewx proċeduri formali u l-istadju meta jkunu hekk inbdew, huwa dovut għall-fatt għaliex waqt il-proċeduri formali u ċjoè' meta jitressaq quddiem Qorti formalment, minn hemm 'l quddiem dejjem hemm is-serħan tal-moħħ li l-istess Qorti ser tgħasses fuq dawn d-drittijiet sabiex tiżgura li jkunu imħarsa. Iżda dan kollu sakemm l-istess akkużat ma jkunx irrinunzja għad-drittijiet tiegħu."*

Fil-każ in eżami d-drittijiet ġew mogħtija lill-akkużat minn PS 922 V. Medati. Dan ifisser li PS 922 kien qed jaġixxi fil-vesti tiegħu ta' uffiċjal investigatur f'dan il-każ.

[4] deciza fis-16 ta' Gunju 2022 mill-Qorti Civili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali)

Għall-għoti ta' din it-twissija kien hemm biss PS 2345 M. Mangion u ma kien hemm l-ebda uffiċjal ieħor tal-Pulizija preżenti jew xi xhud ieħor. Dan għalhekk ifisser li d-dikjarazzjoni ta' rifjut ma saritx bil-modalita li trid il-liġi u għalhekk ma tistax titqies li hija waħda valida. Konsegwentement għalhekk dak li seħħ wara li ingħatat din it-twissija – la darba din l-istess twissija ma saritx in konformita mal-liġi – ma jistax jitqies li huwa ammissibbli bħala prova. Il-Qorti għalhekk sejra tiskarta kompletament dak li l-akkużat qal lill-Pulizija fl-Għassa ta' San Ġiljan.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti sejra issa tinoltra ruħha fuq il-mertu propju ta' din il-kawża. Biex tirriżulta l-offiża kontemplata fl-imputazzjoni li qiegħda tiġi miġjuba kontra l-akkużat, huwa fundamentali li tiġi pruvata kondotta negliġenti, konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb (imprudenza), negliġenza jew traskuraġni, jew ta' ħila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti speċifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet, regolamenti u ordnijiet simili. Din trid tkun segwita b'ness ta' kawżalita' mal-akkadut dannuż involontarju. Fi kliem **Antolisei**, irid ikun hemm, *"quel rapporto di causalita' che deve intercedere tra la condotta imprudente o neglgente e l'evento."*[5]

Il-Qorti għalhekk għandha qabel xejn teżamina d-dinamika tal-inċident biex jiġi stabbilit jekk jeżistix dan in-ness ta' kawżalita fis-sens jekk jistax jingħad li kien l-akkużat li ikkawża s-sinistru mertu ta' dawn il-proċeduri. Dan għaliex fin-nuqqas ta' dan in-ness din l-imputazzjoni ma tistax tirriżulta.

---

[5] Antolisei F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I,* 14th Edizione (2002), Dott. A. Giuffre Editore (Milano), p 73. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Friggieri**, deċiża fil-11 ta' Lulju 1995 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri)

Il-Qorti fliet fid-dettal l-atti u ma tqisx li mill-provi jirriżulta dan in-ness ta' kawżalita li jista' jwassal għall-dikjarazzjoni ta' responsabbilita kriminali. Il-Qorti wasslet għal din il-konklużjoni abbażi tas-segwenti raġunijiet:

(1) la darba d-dikjarazzjoni li għamel l-akkużat qed tiġi injorata kompletament għar-raġunijiet ġia indikati, m'hemm xejn x'jorbot l-inċident *de quo* mal-akkużat. Il-parte civile fix-xhieda tiegħu la jidentifika isem id-dgħajsa li laqtitu u lanqas lill-akkużat bħala l-kaptan ta' din id-dgħajsa. Madanakollu jekk wieħed pero jara r-rapport li l-parte civile għamel mal-Pulizija *a tempo vergine*, jirriżulta li l-parte civile ra lill-istess kaptan u saħansitra ipprova jiġbidlu l-attenzjoni li kien laqtu bid-dgħajsa tiegħu. Mela allura għalhekk, l-istess parte civile kellu konoxxenza ta' min suppost laqtu u kellu jidentifikah!! Għaldaqstant il-fatt li l-parte civile fix-xhieda tiegħu stqarr li ma jafx min laqtu jqajjem dubji dwar il-kredibbilita tiegħu u l-veraċita ta' dak dikjarat minnu;

(2) il-parte civile ma kien koerenti xejn fix-xhieda tiegħu. Apparti li beda jixhed fuq affarijiet li assolutament ma kellhomx x'jaqsmu xejn mal-każ, huwa ma ftakarx id-dettalji bażiċi tal-każ għaliex sostna li kien insiehom. Ta' min jgħid li l-parte civile kien qed jixhed ftit xhur wara l-inċident u mhux snin!! Il-Qorti setgħet tinnota wkoll li mistoqsijiet sempliċi li bdiet tagħmillu l-legali tal-akkużat in kontro-eżami beda jew ma jweġibhomx, jew jaħrab minnhom jew inkella jagħmel ta' bir-ruħu li ma kienx qed jifhem dak li kien qed jiġi mistoqsi lilu. Dan kompla dgħajjef il-kredibbilita tiegħu;

(3) għalkemm fir-rapport dwar l-inċident ingħad li tali rapport sar fis-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar (14:30hrs) tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Mejju 2024 u li immedjatament l-parte civile ittieħed l-Isptar Mater Dei għall-kura permezz tal-ambulanza, iċ-ċertifikat mediku li ġie preżentat jirreferi għall-**vista medika li saret l-għada u ċioe fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju 2024 fit-tlieta u ħamsa ta' filgħodu (03:05hrs)**. Dan jiġi aktar minn tnax -il siegħa wara li seħħ l-allegat inċident. Dan meta suppost l-parte civile mill-ewwel kien ittieħed l-Isptar u allura wieħed jifhem li ġie invistat mill-ewwel. L-affidavit ta' Dr Matteo Azzopardi li ra lill-parte civile fl-Emerġenza ta' Mater Dei lanqas ma jitfa' dawl fuq dan il-fatt għaliex fl-istess affidavit lanqas biss m'hemm indikat id-data u l-ħin tal-eżami li Dr Azzopardi għamel fuq il-parte civile. Il-Qorti għalhekk m'għandhiex konferma ċara u inekwivoka li l-feriti li allegatament kellu l-parte civile kienu verament kaġun tal-inċident li seħħ kmieni wara nofsinhar fil-ġurnata tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Mejju 2024;

(4) minn dak li xehed il-parte civile huwa kien qed jgħum f'parti tal-baħar li ma jidhirx li kienet riżervata esklussivament għall-għawwiema. Ma jidhirx li huwa kellu signalling jew marker buoys li jindikaw il-presenza tiegħu fil-baħar, minkejja li huwa kien qiegħed jogħdos. Għalkemm ma jidhirx li hemm xi obbligu mandatorju biex għaddas jkollu miegħu marker buoy, kien aktar minn konsiljabbli li huwa jkollu tali baga, aktar u aktar meta huwa kien qed jogħdos f'zona fejn – kif jammetti l-istess parte civile – kienu qegħdin jiġu manuvrati dgħajjes. Infatti l-istess parte civile kien wasal f'dak il-punt permezz ta' dgħajsa. Bil-fatt li l-parte civile għażel li jogħdos f'dik iż-zona partikolari mingħajr tali baga, huwa poġġa lilu

inniffsu f'sitwazzjoni fejn kaptana ta' dgħajjes ma kinux f'posizzjoni li jintebhu bil-presenza tiegħu. Dan il-fatt wkoll jelimina r-responsabbilita kriminali għall-akkadut għaliex il-parte civile poġġa lilu inniffsu f'sitwazzjoni ta' perikolu u deliberatament ħa riskji li ma kellux għalfejn jieħu;

(5) il-Prosekuzzjoni baqgħet ma għamlet l-ebda sforz sabiex tintraċċa xhieda oħra li kienu preżenti u li possibilment setgħu spjegaw kif seħħ dan l-inċident u ipprovdew dettalji oħra rilevanti għall-każ. Dan minkejja li l-istess Prosekuzzjoni ingħatat differiment għal dan l-iskop. Madanakollu l-Prosekuzzjoni lanqas biss kellha a disposizzjoni tagħha r-riferti biex il-Qorti tkun fil-posizzjoni li tikkonferma jekk sarux xi tentattivi sabiex jiġu inġunti dawn ix-xhieda. Il-kawżi ma jistgħux joqogħdu jitwalu inutilment u kien għalhekk li l-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawża. Il-Qorti għalhekk spiċċat biss bil-verżjoni tal-parte civile li ma tantx tefa' dawl la fuq l-akkadut u lanqas fuq l-involviment tal-akkużat fl-istess.

Fid-dawl tal-premess għalhekk il-Qorti ma tistax tasal sabiex issib ħtija fl-akkużat.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu</u>** u qiegħda tilliberah minn kull ħtija u piena.

(ft) Dr. Jean Paul Grech

Maġistrat

(ft) Diane Farrugia

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Ghar-Reġistratur